MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2010

Numru. 395/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**KONTRA**

**JOHN MAGRO**
**PAUL MAGRO**
**IAN MAGRO**
**KEITH POMORSKI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra;

John Magro ta' 50 sena, bin Peter Paul u Giorgia nee' Azzopardi, mwieled Pieta' nhar il- 11 ta' Frar 1950,

residenti Loyka, Triq Santa Katarina Qrendi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 211650M;

U

Paul Magro ta' 35 sena, bin John u Rita nee' Scicluna mwieled Attard, fil- 15 ta' Ottubru 1974, residenti Loyka, Triq Santa Katarina, Qrendi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 546374M;

U

Ian Magro ta' 29 sena, bin John u Rita nee' Scicluna mwieled Pieta' nhar it- 3 ta' Lulju 1980, residenti Sentosa, Triq is- Sieh, Swieqi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 333580M;

U

Keith Pomorski ta' 26 sena, bin Edward u Anna nee' Baldacchino, mwieled Pieta' nhar il- 15 ta' Settembru 1983, residenti 4, Indian Sunset, Triq il- Milwa, Ghaxaq u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 463083M;

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu għall-imputazzjonijiet;

Talli:
1) John Magro, Paul Magro u Ian Magro fil- kapacita' taghhom ta' diretturi tal- Kumpanija Asfaltar Ltd u lil Keith Pomorski, bhala site manager mal- istess kumpanija, talli fl- 1 ta' Awwissu 2007 ghal habta tal- 10.30am gewwa l- Qasam industrijali ta' Bulebel gewwa z- Zejtun, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila u arti fil- professjoni taghhom jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Pavlovic Vidomir ta' Nazzjonalita' Bosnijaka, hekk kif iccertifikat Dr. Laura Azzopardi MD tal- isptar Mater Dei;
2) Fil- waqt li John Magro, Paul Magro u Ian Magro talli fl- istess hin, lok u cirkostanzi, bhala diretturi tal- Kumpanija Asfaltar Ltd, u Keith Pomorski fil- kapacita'

tieghu ta’ site manager mal- istess kumpanija naqsu milli jharsu s- sahha u s- sigurta’ tal- impjegati, kif ukoll tal- persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix- xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l- passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il- post tax- xoghol;

3) Fil- waqt li John Magro, Paul Magro u Ian Magro wahedhom talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi u fix- xhur ta’ qabel bhala persuni li jhaddmu nqasu li jaghmlu, jew li jizguraw li jsir evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal- perikli ghas- sahha u s- sigurta’ kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il- post tax- xoghol u r- riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l- aspetti kollha tal- attivita’ tax- xoghol. Dawn l- evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir- riskji ghas- sahha u s- sigurta’ tal- haddiema u tal- persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix- xoghol, inkluz dawk li jzuru l- post tax- xoghol, liema riskji jirrizultaw mix- xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit- tmexxija tal- impriza;

4) U John Magro, Paul Magro u Ian Magro wahidhom bhala diretturi tal- Kumpanija Asfaltar Ltd talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu hames haddiema jew aktar, naqsu milli jzommu fil- pussess taghhom kopja bil- miktub jew li tista’ tinkiseb b’ mod elettroniku dawn l- evalwazzjonijiet, u li jizguraw li jkunu aggornati regolarment;

5) U John Magro, Paul Magro u Ian Magro wahidhom bhala diretturi tal- kumpanija Asfaltar Ltd talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu li jizguraw s- sahha u s- sigurta tal- haddiema f’ kull zmien u f’ kull aspett li ghandu x’ jaqsam max- xoghol u jaghmlu l- arrangamenti xierqa ghall- ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monituragg u rivista tal- mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidraw n- natura tal- attivitajiet u d- daqs tal- impriza u naqsu wkoll li jiehdu l- mizuri necessarji ghas- salvagwardja tas- sahha u s- sigurta fuq il- post tax- xoghol, u ghal dan il- ghan jipprevenu riskji fuq il- post tax- xoghol u jipprovdu informazzjoni u tahrig kif mehtieg;

6) U John Magro, Paul Magro u Ian Magro wahidhom bhala diretturi tal- kumpanija Asfaltar Ltd talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi u fiz-zminijiet ta’ qabel

bhala persuni li jhaddmu naqsu li wara li jikkunsidraw in- natura tal- attivitajiet tal- impriza jidentifikaw l- perikli fuq il- post tax- xoghol u jevitaw riskji ghas- sahha u s- sigurta’ jevalvaw dawn ir- riskji li ma jistghux jigu evitati u jikkontrollahom mill- bidu tadatta x- xoghol ghall- individwu. Naqsu wkoll li jevalvaw ir- riskji ghas- sahha u s- sigurta, fost l- ohrajn ghazla tat- taghmir tax- xoghol, il- prassi u l- attivitajiet tax- xoghol u l- ghazla u t- taghmir tal- postijiet tax- xoghol kif ukoll il- kapacitajiet tal- haddiema sabiex iwettqu x- xoghol assenjat lilhom minghajr perikli u jizguraw li jsir titjib fil- livell ta’ protezzjoni moghtija lill- haddiema fejn jidhla sahha u sigurta;

7) U lil John Magro, Paul Magro u Ian Magro wahidhom bhala diretturi tal- Kumpanija Asfaltar Ltd talli saru recidivi b’ sentenza tal- Qorti tal- Appell data 7 ta’ Mejju 2008.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistra ammissjoni fi stadju ta’ provi difiza f’ dawn il-proċeduri, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom żmien xieraq skond il-liġi sabiex jikkonsidraw, u għalhekk il-Qorti setgħet tgħaddi minnufih għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputati, anke jekk din saret fi stadju avvanzat hafna tal-proceduri, il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li ssibhom hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, u ghalhekk tghaddi biex tikkunsidra l- piena idoneja ghall-kaz. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fl-1 ta’ Awwissu, 2007, is-socjeta’ Asfaltar ltd kienet qed taghmel xi xoghol ta’ kostruzzjoni fil-Qasam Indusrtijali f’ Bulebel, iz-Zejtun, meta f’hin

minnhom wegga' gravi haddiem impjegat mal-istess socjeta'. Dan il-haddiem, Vidomir Pavlovic mis-Serbja, kien qed ilesti xoghol ta' "shuttering" sabiex ikun jista' jintefa' konkos fis-sit in kwistjoni bhala parti mil-bini. Gara izda li ezatt fil-post fejn kien hu, kien qed jittella' vjagg ta' xbieki tal-hadid li jintuza fis-soqfa, u kien qed jittella' permezz ta' "crane" u jittiehed minn post ghall-iehor fl-istess sit. Kien hemm bicca xibka zghira li ma ntrabtetx tajjeb mal-kumplament tax-xbieki, u din waqghet u giet fuq ras Pavlovic, bil-konsegwenza li kkagunatlu ferita ta' natura gravi. Mil-provi prodotti rrisulta li Pavlovic kellu "safety helmet" fil-hin tal-incident, izda din inqalghet minn fuq rasu ftit tal-hin biss qabel ma sehh l-incident. Irrisulta wkoll li Pavlovic kien inghata struzzjonijiet cari biex jahdem f'dak il-post partikolari dakinhar, u ghalhekk ma kien hemm ebda nuqqas da parti tieghu ghall-presenza tieghu fis-sit dak il-hin.

Jidher ghalhekk ghal din il-Qorti li kienet prassi zbaljata tas-socjeta' Asfaltar li wasslet ghall-incident in kwistjoni. Zgur li ma kienetx "a safe system of conduct" li tawtorizza li jittella' vjagg ta' xbieki tal-hadid u jghaddu minn fuq haddiem li qed jaghmel ix-xoghol tieghu fuq struzzjonijiet moghtija lilu mill-istess socjeta'. Huwa minnu li l-incident kien wiehed purament fortuwitu, u gara ghax inqabdet bicca xibka mal-kumplament tax-xbieki, u din waqghet ghax ma kienetx marbuta maghhom. Izda dan ma kienx isehh kieku l-vjagg ta' xbieki ttella' u ghadda minn naha ohra, jew kieku tal-Asfaltar qalu lil Pavlovic biex jieqaf ghal ftit sakemm ighaddu x-xbieki. Issa, ghalhekk, in vista tal-ammissjoni tal-imputati kollha, dawn il-fehmiet tal-Qorti huma aktar akkademici f'dan l-istadju. Dan kollu qed jinghad minghajr pregudizzju ghad- danni civili li l- vittma jista' jkun intitolat ghalihom fuq dan l- incident. Din il- Qorti rat biss ir- responsabilta' kriminali o meno tal- erba' imputati.

Kwantu ghall-finijiet ta' piena, jirrizulta li l-persuna li l-iktar kellha responsabbilta' diretta aktar mill-ohrajn kienet Paul Magro, kemm fil-kapacita' tieghu bhala direttur u aktar bhala l-persuna li qed tmexxi l-"crane" in kwistjoni. Iz-zewg diretturi l-ohra, John Magro u Ian Magro, huma wkoll

responsabbli, ghax naqsu milli jimplementaw mizuri biex tigi mharsa s-sahha u s-sigurta’ tal-haddiema taghhom. L-imputat l-iehor, Kieth Pomorski, huwa l-anqas responsabbli, ghalkemm bhala “foreman” ghandu jerfa’ wkoll parti mil-piz. Tenut kont ta’ dawn il-fatturi, u tal-konsiderazzjonijiet l-ohra kollha, il-Qorti sejra tikkalibra l-piena bil-mod segwenti, usejra timponi multa differenti lil kull imputat, skond l-involviment taghhom fil-kaz.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 226 (1)(a) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 6 (1) u (2) tal- Att 27/2000, Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Ir-Regolamenti 10(1), 10(2), 4(1), (2) u (3), 5(l)(i), (ii) u (iii), u 6(1) u (2) tal- A.L. 36/03; Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti rat illi l- ewwel (1) akkuza giet irtirata mil-Prosekuzzjoni, u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Fuq ammissjoni fuq it- tieni (2), it- tielet (3), ir- raba’ (4), il-hames (5) u s- sitt (6) akkuzi din il- Qorti ssib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tikkundanna lil Paul Magro multa ta’ tlett elef ewro (€3,000), lil John Magro u lil Ian Magro multa ta’ elf u hames mitt ewro (€1,500) kull wiehed, u lil Keith Pomorski multa ta’ elf ewro (€1,000).
Ma ssibhomx hatja tas- seba (7) akkuza u ghaldaqstant tilliberahom.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------